MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-23 ta' Frar, 2015

Numru. 208/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ferris)**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Godfrey Cutajar**

**Kumpilazzjoni Nru: 208/2012**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Godfrey Cutajar, ta’ 36 sena, bin Salvu u Felicita nee’ Muscat, imwieled Pieta’, fis-17 ta’ Jannar, 1976 u residenti fil-fond numru 12, Winter Cherry, Triq il-Musbieh, Birzebbugia u

detentura tal-karta ta’ l-Identita’ Maltija bin- numru 117476(M).

Akkuzat talli f’ismu propju u/jew ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Gasparell Baling Co. Limited (C 15986), f’dawn il-Gzejjer, bejn Jannar 2010 u Dicembru 2011, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ghamel att ta’ money laundering billi:

i. Ikkonverta jew ittrasferixxa propjeta’ meta kien jaf jew issuspetta li dik il-propjeta kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta’ attivita’ kriminali jew minn att ta’ partecipazzjoni f’attivita kriminali, ghall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ habi jew wiri haga b’ohra ta’ l-origini tal-propjeta jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attivita kriminali u/jew
ii. Heba jew wera haga b’ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta, meta kien jaf jew issusspetta li dik il-propjeta kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali u/jew
iii. Akkwista propjeta meta kien jaf jew issusspetta li l-istess propjeta kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali u/jew
iv. Irritjena minghajr skuza ragonoveli propjeta’ meta kien jaf jew issuspetta li l-istess propjeta kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attivita’ kriminali u/jew
v. Ittenta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija

Akkuzat ukoll talli f'ismu proprju u/jew ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gasparell Baling Co. Limited (C 15986), f'dawn il-Gzejjer, bejn Jannar 2010 u Dicembru 2011, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghamel att ta' money laundering billi:

i. ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jafu li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali, u/jew
ii. heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew
iii. akkwista proprjeta' meta kien jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew
iv. irritjena minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kien jafu li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew
v. ittenta jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fi Frar 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti, giet ukoll mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-Att kontra l-Money Laundering.

Rat l-ordni ta’l-Avukat Generali mahrug ai termini ta’l-artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta’ Malta permezz ta’ liema baghat lill-imputat biex gudikat minn din il-Qorti bhal Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ghall-ksur tad-dispozizzjonijiet ta’l-imsemmi Kapitolu 373.

Rat li, ai termini ta’l-artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Avukat Generali baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub f’l-artikoli:

18 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

17, 18, 23, 23A, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputat ma kelluz oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni

Rat ir-rikors kongunt prezentat illum 23 ta’ Frar 2015 mill-Avukat Generali u l-imputat, permezz ta’ liema wara li ddikjaraw li qed jaqblu li fit-termini ta’l-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u talbu lil din il-Qorti biex f’l-eventwalita ta’ ammissjoni da parti ta’ l-imputat ghall-imputazzjonijiet kif dedotti fil-konfront tieghu, il-piena li ghandha tigi

inflitta fuqu ghandha tkun wahda ta' erbatax il-xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta' tlett snin u ghal multa ta' ghoxrin elf Euro.

Rat li waqt l-udejnza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u li kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjopni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti wara li rat il-fedina penali ta'l-imputat u wara li rat in-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, hija sodisfatta li s-sanzjoni mitluba mill-partijiet hija tali li jkun leġittimu illi tigi mposta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjba kontra tieghu u tikkundannah erbatax (14) il-xahar prigunaerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin, u qed tikkundannah ukoll multa ta' ghoxrin elf Euro (€20,000) liema multa ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' elf euro (€1,000) b'l-ewwel pagament dovut fit-2 ta' Mejju 2015. In oltre u

b’applikazzjoni ta’l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti s-somma ta’ elf sitt mija u erbgha u tmenin Euro u tlieta u erbghin centezmu (€1,684.43) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta’ esperti.

Il-Qorti spjegta lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------